**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 24 ta' Gunju, 2025**

Rikors Numru: 220/25 AL

ABD

vs

CD

(M.R. Numru 3439/2018)

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġurament mir-rikorrent li permezz tieghu espona:

1. Illi il-partijiet izzewgu nhar it-tnax ta' Novembru tas-sena elfejn u tmintax (12/11/2018), (Ara Dok A anness);

2. Illi l-partijiet gew debitament awtorizzati jghaddu ghall-kuntratt ta' separazzjoni in forza ta' Digriet moghti mill-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni Familja) datat id-disgha u ghoxrin (29) ta' Awwissu tas-sena elfejn u dsatax (2019);

3. Illi l-partijiet ilhom aktar minn hames snin (5) *de jure separati*;

4. Illi m'hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom mis-sena elfejn u dsatax (2019) ma jghixux flimkien, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

5. Illi skond il-kuntratt ta' separazzjoni in atti Nutar Dr Sharon Faith Farrugia, datat is-sbatax (17) ta' Settermbru tas-sena elfejn u dsatax (2019) (Dok B anness klawsola 4), ir-ragel irrinunzja u l-mara iddekadit definittivament mid-dritt illi jesigu manteniment minn ghand xulxin liema rinunzja u dekadenza huma irrevokabbli;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-ligijiet ta' Malta;

Ghaldaqstant l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registu Pubbliku bill-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Bl-ispejjez kontra l-intimata.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet taghha tat-13 ta' Mejju 2025;

Rat illi l-avukat difensur tal-intimata informa lill-Qorti li m'għandha l-ebda oġġezzjoni li jintlaqgħu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mid-29 ta' Awwissu 2019;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi żmien għaxart ijiem minn meta s-sentenza ssir *res judicata*, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.